

31993L0046

1.7.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 159/134

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/46/KEE
tat-22 ta' Ġunju 1993**

li tibdel u timmodifika l-Annessi lid-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE dwar il-manifattura u t-tpoġġija fis-suq ta' ċertu sustanzi użati fil-manifattura illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE ta' l-14 ta' Diċembru 1992 dwar il-manifattura u t-tpoġġija fis-suq ta' ċertu sustanzi użati fil-manifattura illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi huwa meħtieġ li jingħata effett lid-deċiżjoni meħhuda mill-Kummissjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drogi Narkotiċi f'April 1992 sabiex tinkludi s-sustanzi *sagfrole*, *piperonal* u *isosafrole* fil-Werrej 1 ta' l-Anness lill-Konvenzjoni tal-UN ta' l-1988 u billi s-sustanzi msemmijin jiġu trasferiti mill-kategorija 3 għall-kategorija 1 fl-Anness I tad-Direttiva, u billi jitneħħew mill-Anness II;

Billi dan it-trasferiment iqiegħed lid-Direttiva fi ftehim mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3677/90 ⁽²⁾ tat-13 ta' Diċembru 1990 li jstabbilixxi miżuri li jiskoraġġixxu d-diverżjoni ta' ċerti sustanzi lejn il-manifattura illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 900/92 ⁽³⁾, u implimentat u emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3769/92 ⁽⁴⁾,

L-Artikolu 1

L-Annessi I u II lid-Direttiva 92/109/KEE għandhom jinbidlu bl-Annessi I u II ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġ sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1993. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jikkontienju referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal tali referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-22 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 370, tad-19.12.1992, p. 76.

⁽²⁾ ĠU L 357, ta' l-20.12.1990, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 96, ta' l-10.4.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 17.

L-ANNEX I

IL-KATEGORIJA 1

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM
Ephedrine		2939 40 10
Ergometrine		2939 60 10
Ergotamine		2939 60 30
Lysergic acid		2939 60 50
1-Pheny 2-Propanone	Phenylacetone	2914 30 10
Pseudoephedrine		2939 40 30
Acetylanthranilic acid	2-Acetamidobenzoic acid	2924 29 50
3,4-Methylenedioxyphenylpropan-2-one		2932 90 77
Isosafrole (cis + trans)		2932 90 73
Piperanol		2932 90 75
Safrole		2932 90 71

L-imluħa tas-sustanzi mniżżlin f'din il-Kategorija mekta l-eżistenza ta' dawn l-imluħa hija possibbli.

IL-KATEGORIJA 2

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM
Acetic anhydride		2914 24 00
Anthranilic acid		2922 49 50
Phenylacetic acid		2916 33 00
Piperidine		2933 39 30

L-imluħa tas-sustanzi mniżżlin f'din il-Kategorija me kta l-eżistenza ta' dawn l-imluħa hija possibbli.

IL-KATEGORIJA 3

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM
Acetone (*)		2914 11 00
Ethyl ether (*)	Diethyl ether	2909 11 00
Methylethylketone (MEK) (*)	Butanone	2914 12 00
Toluene (*)		2902 30 10 (90)
Potassium permanganate (*)		2841 60 10
Sulphuric acid		2807 00 10
Hydrochloric acid	Hydrogen chloride	2806 10 00

(*) L-imluħa tas-sustanzi mniżżlin f'din il-Kategorija mekta l-eżistenza ta' dawn l-imluħa hija possibbli.

L-ANNEX II

Sustanza	Threshold
Acetic anhydride	20 l
Anthranilic u l-imluħa tiegħu	1 kg
Phenylacetic acid u l-imluħa tiegħu	1 kg
Piperidine u l-imluħa tiegħu	0,5 kg